# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/2135

**tal-10 ta' Diċembru 2020**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emendar tal-Anness VI (Sigurtà Soċjali) għall-Ftehim ŻEE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 48, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda l-Anness VI għall-Ftehim ŻEE li fih dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali.

(3) L-Artikolu 33 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([3]) ("Ftehim dwar il-Ħruġ") jiddikjara li d-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tal-Parti Tnejn tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għandhom japplikaw għaċ-ċittadini tal-Iżlanda, tal-Prinċipat tal-Liechtenstein, tar-Renju tan-Norveġja u tal-Konfederazzjoni Żvizzera dment li dawk il-pajjiżi jkunu kkonkludew u japplikaw ftehimiet korrispondenti mar-Renju Unit li japplikaw għaċ-ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll mal-Unjoni li japplikaw għaċ-ċittadini tar-Renju Unit.

(4) L-Artikolu 32 tal-Ftehim dwar arranġamenti bejn l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, il-Ftehim ŻEE u ftehimiet oħra applikabbli bejn ir-Renju Unit u l-Istati taż-ŻEE-EFTA bis-saħħa tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni Ewropea ("Ftehim dwar is-Separazzjoni") jiddikjara li d-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tal-Parti Tnejn tal-Ftehim dwar is-Separazzjoni għandu japplika għaċ-ċittadini tal-Unjoni, dment li l-Unjoni tkun ikkonkludiet u applikat il-ftehimiet korrispondenti mar-Renju Unit li japplikaw għaċ-ċittadini taż-ŻEE-EFTA, kif ukoll mal-Istati taż-ŻEE-EFTA li japplikaw għaċ-ċittadini tar-Renju Unit.

(5) Għaldaqstant, huwa neċessarju li tingħata protezzjoni reċiproka tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali għaċ-ċittadini tar-Renju Unit, il-persuni mingħajr Stat u r-refuġjati, kif ukoll il-membri tal-familja u s-superstiti tagħhom, li, fi tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni, kif definit fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, jinsabu jew kienu f'sitwazzjoni transfruntiera li tinvolvi Parti Kontraenti waħda jew aktar għall-Ftehim ŻEE u r-Renju Unit fl-istess ħin.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([3]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emendar propost għall-Anness VI (Sigurtà Soċjali) għall-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ([4]).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. ROTH

---

([4]) Ara d-dokument ST 12969/20 fuq http://register.consilium.europa.eu